MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 292/2005

**Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Joseph Gheiti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Gheiti ta’ 40 sena, iben Anthony u Rosaria nee’ Galea, imwieled 12 ta’ April 1964, Valletta, u residenti 54, Triq San Filippu, Birgu jew ‘Lourdes’, Triq Censu Busuttil , Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ numru 208264(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta’ Frar 2005, f’xi hin bejn it-tlieta u nofs (03.30hrs), u l-erbgha (04.00hrs) ta’ filghodu

gewwa l-istabiliment ‘Red Square’ ta’ Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Marvin (Maria Vincenza) Dominici, u dan bi ksur ta’ Artikoli 214, 216 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nhar il-25 ta’ Marzu 2005 ghal habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta’ filghaxija (16.41hrs) ingurja jew hedded lil Marvin (Maria Vincenza) Dominici u dan bi ksur ta’ Artikolu 339(1)(e) ta’ Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ April, 2005 (esebit *a folio* 25 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li fit-23 ta’ Frar 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fit-13 ta’ Frar 2005 ghall-habta tat-3.30am fi-Red Square Bar, f’San Giljan fejn il-parti leza Marvin Dominici giet allegatament aggredita mill-ex-partner taghha, u cioe’ l-imputat, u fejn hija sofriet griehi ta’ natura gravi. Meta l-Pulizija pruvat tirrintraccja lill-imputat sabiex tinterrogah dwar ir-rapport maghmul minn Dominici dan qatt ma rrisponda l-mobile phone tieghu u l-anqas ta kaz il-varji messaggi li hallew il-

Pulizija sabiex huwa jikkomunika maghhom. Mill-provi rrizulta li fit-3 ta' April 2005 l-imsemmija Marvin Dominici regghat ghamlet rapport iehor fil-konfronti tal-imputat fejn allegat li fil-25 ta' Marzu 2005 huwa kien ingurjaha u heddidha u kien biss f'dan l-istadju li l-Pulizija rnexxilhom jirrintraccjaw lill-imputat u dan meta huma cemplu fuq il-mobile phone tieghu minn fuq il-mobile phone ta' Dominici fejn l-imputat irrisponda mill-ewwel ghat-telefonata li saritlu u gie mbaghad interrogat mill-Pulizija rigward iz-zewg incidenti.

Ikkunsidrat:

Illi Marvin Dominici li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' April 2005 spjegat li hija ghamlet sbatax-il sena f'relazzjoni mal-imputat u kellha anki tifla mieghu. Hija spjegat li matul ir-relazzjoni li hija tterminat definittivament madwar sena qabel l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna kellha tmur diversi drabi Merhba Bik minhabba l-aggressivita' tal-imputat fil-konfronti taghha. Hija spjegat li dakinhar tal-incident in dizamina kienet dahlet fir-Red Square Bar tfittex lit-tifla t'ohtha li jisimha Chantelle u malli dahlet rat lill-imputat u ghalhekk iddecidiet lli terga' tohrog il-barra izda waqt li kienet hierga huwa mar warajha, taha daqqa ta' flixkun minn wara fuq rasha, hija tbaxxiet u huwa mar quddiemha u taha daqqa ta' sieq fuq imnehirha u meta pruvat tqum huwa gidmilha wiccha u taha daqqa ta' sieq f'saqajha. Hija tghid li kienet storduta izda semghat vuci ta' mara tghid lill-imputat sabiex jieqaf u imbaghad rat lill-imputat mal-art bis-security guards tal-post izommuh u hija giet mehudha barra mis-security guards u ttiehdet l-Isptar mit-tifla t'ohtha sabiex tiddewwa. Marvin Dominici spjegat li instab li kellha mnehirha miksur u saritilha operazzjoni f'imnehirha u li hija kienet ghadha tmur l-Outpatient ghall-kura. Hija qalet ukoll li wara li sehh dan l-incident kienet rceviet diversi messaggi ta' theddid minghand l-imputat fuq il-mobile phone taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet [1] u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri [2] fejn huwa sostna li kien mar fil-bar in dizamina mal-habiba tieghu Yvonne Bazine u waqt li kienu mexjin ra lill-ex partner tieghu Marvin Dominici ma' ragel iehor u hass li xi hadd kien bezaqlu f'wiccu u meta dar ra lil Marvin u lil partner taghha jidhqu u meta huwa staqsa lil partner ta' Marvin 'il ghala kien bezaqlu f'wiccu dan tah daqqa ta' flixkun u huma spiccaw fl-idejn u huwa spicca anki kellu xi griehi. Meta gie mistoqsi 'il ghala ma kienx ghamel rapport lil Pulizija dwar dak li kien gara jew jekk gabx rapport mediku dwar il-griehi lli allegatament sofra huwa qal li kien mar il-policlinic ta' Bormla izda ghalkemm kienet miftuha ma kienx hemm tobba u ghalhekk huwa telaq lejn id-dar ghaliex kien ghajjien. Fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxjata l-imputat qal li ma jafx kif setghat wegghat Marvin Dominici ghaliex huwa ma kienx missha filwaqt li meta rrilaxxja t-tieni stqarrija u meta xehed f'dawn il-proceduri huwa qal li kien spicca fuq Dominici mal-art ghaliex kien gie mbuttat minn wara mill-irgiel li kien hemm maghha.

Ikkunsidrat:

Illi Yvonne Bazine li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2010 qalet li kienet mal-imputat fil-post imsemmi u li huwa qalilha li xi hadd kien bezaqlu f'wiccu u li fil-post kien hemm l-ex partner tieghu Marvin Dominici. Din ix-xhud qalet ukoll li l-imputat waqaf jitkellem ma Dominici u hija qadet ftit 'il boghod sabiex thallihom jitkellmu u ma tafx x'qalu. Bazine spjegat li f'hin minnhom rat lill-imputat jaqa' b'daqqa minn wara fuq Dominici fejn dawn spiccaw mal-art izda hija la qalet li kienet rat lil Dominici ma xi hadd iehor dakinhar u l-anqas qalet lil min kienet rat jaghti daqqa lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-

[1] Inseriti a fol. 17 sa 21 u  a fol. 35 u 36.
[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 125 et sequitur tal-atti processwali.

Difiza f’dan il-kaz jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti leza Marvin Dominici. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat m’hijiex kredibbli kemm ghaliex il-Qorti rriskontrat xi nkonsistenzi fil-verzjonijiet minnu moghtija bhal meta l-ewwel jghid li ma jafx kif Dominici sfat imwegga ghaliex huwa kien involut fil-glieda mal-partner taghha izda mbaghad ibiddel il-verzjoni u jghid li huwa spicca fuq Dominici ghaliex gie mbuttat fuqha. Inoltre l-imputat l-ewwel jghid li gie aggredit mal-ewwel meta huwa hass lil xi hadd jobzoqlu f’wiccu u dar u staqsa lil partner ta’ Dominici ghalfejn kien ghamel hekk izda sussegwentement isostni li xi hadd kien bezaqlu f’wiccu waqt li kien miexi lejn it-toilet u li l-incident inqala’ wara meta huwa kien hareg mit-toilet u kien miexi. Il-Qorti inoltre ssibha difficli temmen kif l-imputat li qed isostni li kellu xi greihi ma produciex certifikat mediku fir-rigward. Il-Qorti inoltre ma taqbilx ma dak sottomess mid-Difiza li Yvonne Bazine ikkorroborat dak li qal l-imputat ghaliex kif gie rilevat fil-paragrafu precedenti din ix-xhud la qalet li kienet rat lil Dominici ma xi ragel iehor, la ndikat min kien ta daqqa lill-imputat u aktar importanti sostniet li l-imputat kien waqaf ikellem lil Dominici u li hija appartat ruhha sabiex thallihom jitkellmu, haga li l-imputat ma ghamel ebda accenn ghaliha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha permezz tax-xhieda ta’ Marvin Dominici kif ukol tal-provi l-ohra minnha migjuba tipprova li l-imputat kien volontarjament u ghall-ebda raguni kkaguna griehi lil Dominici u li kien kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied. Dwar in-natura tal-griehi l-Qorti jidrilha li permezz tax-xhieda ta’ Mr. Anthony Griscti Soler li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Lulju 2007 fejn spjega li fil-11 ta’ Marzu 2005 kien opera lil Dominici li kellha ksur f’imnehirha, kif ukoll permezz tax-xhieda tal-istess Dominici li qalet li meta xehdet waqt l-udjenza tal-14 ta’ April 2005 qalet li kienet ghadha tmur ghal kura l-Outpatient tal-Isptar, l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-griehi sofferti minn Dominici kienu ta’ natura gravi skond dak provdut mill-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-akkuza riferibbli ghall-ingurji u theddid li allegatament saru mill-imputat fil-konfronti ta' Dominici fil-25 ta' Marzu 2005 bl-ebda mod ma giet pruvata ghaliex ghalkemm Dominici indikat li wara l-incident tat-13 ta' Frar 2005 l-imputat kien heddidha permezz ta' messaggi hija qatt ma ndikat id-data tal-25 ta' Marzu 2005 u wisq anqas ma spjegat b'liema mod kien heddidha jew ingurjaha fit-tali gurnata.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat t-trapass taz-zmien mid-data tal-incident u jidrilha li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja hija wahda ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Gheiti hati tal-ewwel(1) u tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija lli b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tmintax(18)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' tlett mija u wiehed u erbghin ewro u zewg ewro centezmi (€341.02) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------